MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 339/2008

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**1. P.E.N.G. Limited (C14145)**
**2. Carmel Azzopardi (K.I. Nru 741051M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta u l-konvenut solidalment bejniethom ghall-hlas tas-somma ta' hamest elef, disa' mija u wiehed u erbghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€5,941.73) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta' P.E.N.G. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A1 sa A2" u Dok "B1 sa B2") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-27 ta' Settembru 2008 sal-jum tal-pagament effettiv, ghall-liema debitu, il-konvenut Carmel Azzopardi ggarantixxa flimkien u "in solidum" ma' P.E.N.G. Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess P.E.N.G. Limited mal-

Bank of Valletta p.l.c. u dan permezz ta' skrittura privata datata 26 ta' Mejju 1998 (Dok "C).

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privat datata 26 ta' Mejju 1997 (Dok C) u partikolament, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura; u
(b) kienu inadempjenit f'obbligi ohra minnhom assunti u/jew;
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuta li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali datati 2 ta' Mejju 2007 (Dok D u Dok E) kif ukoll tal-Mandati ta' Sekwestru gew prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-annessi dokumenti a <u>fol 2 sa fol 26</u> tal-atti u markati minn <u>Dok A1 sa Dok E)</u>.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti kif hawn fuq premess jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti, kif hawn fuq premess naqsu u ma dehrux fl-4 ta' Mejju 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta u lill-konvenut solidalment bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' €5941.73 bl-imghax legali ulterjuri mis-27 ta' Settembru 2008 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali

tat-2 ta' Mejju 2007 kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju tal-10 ta' Ottubru 2008.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------